**IS-SEBGĦA TA' ĠUNJU**
***SETTE GIUGNO***

**DISKORS**

**MILL-ONOREVOLI MICHAEL FRENDO**

***SPEAKER***

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**PARLAMENT TA' MALTA**

**M**eta Manwel Attard, parrukkier żagħżugħ ta’ 28 sena minn tas-Sliema, segwa l-għajta ‘Kulħadd għall-Belt’ nhar is-7 ta’ Ġunju 1919, fl-istess jum li kienet qed tiltaqa’ għat-tieni darba l-Assemblea Nazzjonali, żgur li m’għaddilux minn rasu li dakinhar balla minn azzarin tas-suldat barrani kellha tolqtu f’nofs ġbienu waqt li kien qed jaqsam Strada Forni kontra l-ordnijiet li ngħataw, u ħesrem teqridlu ħajtu.

Attard kien parti minn folla li kienet qed turi l-kuluri Maltin, abjad u aħmar, bħalma kellu mgeżwra miegħu Ġużè Bajada minn Għawdex meta fatalment laqtitu balla f’ġenbu fi sparatura oħra mis-suldati tal-kolonjalizzatur Britanniku li dakinhar kien qed jasserixxi l-ħakma tiegħu fuq il-Maltin.

Wenzu Dyer, mill-Birgu, dimostrant bil-bandiera Maltija mdawra m’għonqu u b’kukkarda bajda u ħamra fuq il-berritta seta’ jintgħaraf bla tbatija mis-suldati li sparawlu u wara rawh iserrep sal-Main Guard fejn waqa’ mejjet, faċċata ta’ fejn ftit snin wara kellu jiltaqa’ l-ewwel Parlament Malti fl-1921.

L-għada, inqatel b’daqqa ta’ bajjunetta ġo żaqqu, Karmenu Abela mill-Belt waqt li kien qed jipprova jsejjaħ lil ibnu lura minn mar-rassa li kienet daħlet fil-Palazz ta’ Francia.

Mietu fl-isptar ukoll Ċikku Darmanin u Toni Caruana: il-kont kien ta’ sitta mejtin u madwar ħamsin feruti – li uħud minnhom sabu ruħhom fil-Giovine Malta fejn kienet għaddejja l-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali.

Il-mexxejja Maltin ta’ dak iż-żmien riedu Kostituzzjoni għal poplu tagħna għaliex fehmu, kif ikkonfermat l-istorja ta’ dan il-pajjiż, li b’rajna f’idejna biss seta’ jitwettaq tassew l-iżvilupp ekonomiku u soċjali meħtieġ għal dan in-nazzjon. Dakinhar stess tas-Sette Giugno, dik l-Assemblea appoġġjat unanimament il-mozzjoni tan-Nutar Salv Borg Olivier mqiegħda għal vot minn Filippo Sceberras biex il-Gvern Ingliż minnufih jagħti l-awtonomija politika u amministrattiva lil Malta.

Is-sagrifiċċju suprem ta' Abela, Attard, Bajada, Caruana, Darmanin u Dyer sarraf, mal-ħidma kostanti politika tal-mexxejja tal-Maltin, fil-konċessjoni tal-Gvern Ingliż tal-Kostituzzjoni ta' Gvern Responsabbli tal-1921 li abbażi tagħha twaqqfet l-Assemblea Leġislattiva magħmula minn erba' deputati eletti minn kull wieħed minn tmien distretti elettorali mmexxija minn Speaker u Deputat Speaker u li abbażi tagħha nħatar Prim Ministru u Kabinett ta' Ministri Maltin, kif ukoll Senat magħmul minn sbatax-il membru, uħud rappreżentanti ta' gruppi speċifiċi u oħrajn ta' natura ġenerali.

L-għatx tal-poplu għal-libertà tista' trażżnu għal xi żmien, bħalma ġara fir-rivoluzzjonijiet tal-1848 fl-Ewropa maħnuqa ħesrem taħt il-bajjunetti ta' Metterninch, tal-Monarkija u ta' l-awtokrazija u kif tabilħaqq ġara fil-jum li llum qed infakkru. Imma fl-aħħar ir-rieda tal-poplu ssir rieda irreżistibbli u tofroq triqitha minkejja kull ostakolu li jipprova jpoġġilha quddiemha min ikun irid iżomm il-ħakma tiegħu.

Il-kisbiet kostituzzjonali tal-1921 kienu l-bidu ta' mixja twila li għadha sejra u li issa aħna li ngħixu f'dan iż-żmien mitluba li nkomplu fid-direzzjoni t-tajba. Biex nagħmlu dan b'mod responsabbli u fl-ispirtu meħtieġ ma nistgħu ninsew qatt li dawk il-libertajiet u s-setgħat li ngawdu llum fid-demokrazija parlamentari tagħna, inklużi dawk li huma marbutin max-xogħol ta' kuljum tal-Kamra tad-Deputati, tal-Parlament Malti, huma libertajiet mirbuħin bit-taqbid u bid-demm ta' missirijietna f'pajjiżna u bir-rivoluzzjonijiet parlamentari mxerrdin mal-Ewropa kollha fis-sekli dsatax u għoxrin. Ma nistgħux ninsew anzi li għad hawn popli oppressi anki fi żmienna u li lejhom aħna lkoll għandna l-obbligu tas-solidarjetà u l-obbligu wkoll li nivvalutaw u nħarsu dak li għandna u li ntrebaħ minn ta' qabilna.

Għalhekk dawn id-drittijiet u responsabbiltajiet irridu nħarsuhom u rridu nħaddmuhom b'mod li nagħtu qima u ġieħ lil dawk li bis-saħħa tagħhom qegħdin ingawduhom illum. Dik il-qima nagħtuha ġustament bit-twaqqif ta' monumenti li jfakkru lil persuna u lil ġrajjiet u bil-kommemorazzjonijiet dovuti. Imma l-aħjar u l-aqwa espressjoni ta' rispett u apprezzament lejn min ħadem u ssagrifika ruħu biex aħna llum ingawdu d-drittijiet u l-libertajiet li għandna huwa fit-tħaddim tad-demokrazija parlamentari llum, fir-rieda tal-espressjoni ħielsa tal-poplu u fir-rispett sħiħ tar-rieda awtentika u ġenwina tal-membri parlamentari li jirrappreżentawh fil-Parlament Malti.

Bħala Maltin, f'ġieħ min tilef ħajtu fil-ġlieda għal-libertà, fi żmenijiet ta' bidliet kbar politiċi u soċjali, irridu nkomplu nsawru s-sens ta' ċittadinanza Maltija fit-trawwim ta' dak li jgħaqqadna flimkien u jagħmilna poplu u nazzjon – storja, lsien, saltna tad-dritt, apprezzament tad-drittijiet u s-sovranità aħħarija tal-poplu. Hija biss fuq sisien bħal dawn ta' għaqda fost il-Maltin ta' llum u ta' għada li Malta tista' tassew issib il-milja tagħha bħala Membru tal-Unjoni Ewropea.

Bħala parlamentari rridu nkunu xhieda ta' rispett reċiproku li ma jfissirx li nkunu dejjem ta' fehma waħda, imma jfisser li dejjem inkunu lesti nisimgħu lil ħaddiehor irrispettivament min ikun jikkostitwixxi dakinhar il-Gvern tal-ġurnata. Huwa dan li jagħti d-dinjità xierqa lil dik li hija l-ogħla Istituzzjoni tal-pajjiż sempliċement għaliex, fis-sistema ta' demokrazija parlamentari tagħna, tirrifletti l-fehmiet u r-rieda tal-poplu Malti kollu.

Hekk kif qed nersqu biex is-sena d-dieħla niċċelebraw id-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parlament Malti, f'ġieħ dawn Maltin ħutna li llum qed nikkommemoraw is-sagrifiċċju suprem tagħhom, ejjew flimkien niffukaw fuq kif nistgħu tassew insaħħu l-Parlament tagħna u, f'dinjità dovuta, inżommuh rilevanti, effettiv u f'rabta intima mal-mixja politika, ekonomika u soċjali ta' pajjiżna, distint mill-Eżekuttiv u mill-Ġudikatura, b'personalità u identità partikolari tiegħu.

Sar ħafna, imma hawn baqgħalna wkoll ħafna x'nagħmlu.

Qabel xejn irridu nivvalorizzaw il-ħidma tal-Parlament Malti u niddistingwuha mir-rwol tal-Eżekuttiv. Din id-distinzjoni rridu nwassluha b'mod aktar spjegat għaliex, kuntrarju għal dak li jiġri fis-sistemi kontinentali fejn hemm is-separazzjoni tal-poteri, fis-sistema ta' checks and balances tal-mudell ta' Westminster li tikkostitwixxi t-tradizzjoni parlamentari tagħna, l-Eżekuttiv huwa integrat fil-Parlament innifsu u din id-distinzjoni minkejja li teżisti b'mod mill-aktar ċar, mhijiex dejjem daqstant faċilment spjegabbli. Għalhekk f'dan il-mudell, huwa essenzjali li jkun imsaħħah, definit aħjar u valorizzat ir-rwol tad-deputat parlamentari.

Mid-diskussjoni dwar is-*sede* l-ġdida għall-Parlament Malti nislet messaġġ wieħed ċar mill-kakofonija ta' opinjonijiet: kemm ma hawnx apprezzament ta' x'isir eżattament fil-Parlament, tal-ħidma ta' kull deputat li jimpenja ruħu jew timpenja ruħha fil-ħajja parlamentari. F'dan id-dibattitu huwa ta' diżappunt kbir għalija nara li għad baqa' min jiddubita jekk għandux jingħata dar il-Parlament tagħna, wieħed u disgħin sena wara s-Sette Giugno, sitta u erbgħin sena wara li sirna Stat Indipendenti u sitta u tletin sena wara li sirna Repubblika.

Dan għandu jixprunana biex naħdmu aktar ħalli nivvalorizzaw fost il-poplu tagħna l-ħidma tal-Parlament. Biex ma nagħtux impressjoni li l-Parlament huwa biss xi arena ta' ġlieda bejn il-politiċi, irridu nwasslu l-messaġġ, messaġġ veru, li l-maġġoranza stragrandi tal-liġijiet li jgħaddu fil-Parlament tagħna jgħaddu b'*consensus* wara diskussjoni fi stadji diversi inkluż l-istadju tal-Kumitat fejn isir it-tfettieq neċessarju biex ikollna liġijiet mirquma aħjar għall-aħjar regolamentazzjoni tas-soċjetà Maltija li, fiha nfisha, tista' ttina dak il-vantaġġ kompetittiv li f'ekonomija globalizzata hija s-sies tax-xogħol u tal-prosperità. U li huwa naturali li jkun hemm diskussjoni ħajja u kontroversja, imma li wkoll ikun hemm, fejn jixraq, mumenti ta' għaqda nazzjonali u ta' mixja li ssir id f'id.

Irridu niftħu aktar għal medja moderna kollha u mhux biss għar-radju - anki jekk, fil-bidu, b'mod meqjus - il-ħidma tal-Parlament tagħna kemm fis-seduti plenarji kif ukoll fil-Kumitati tal-Kamra li jagħmlu xogħol fejjiedi u ta' importanza kbira ta' skrutinju tal-leġislazzjoni u policies mhux tal-Parlament Malti imma wkoll tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li Malta llum tifforma parti minnha, u li hija l-għajn ta' tant leġislazzjoni li tasal għal konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Malti. Kumitati li jagħmlu rapporti u studji ta' interess għas-soċjetà tagħna, li jistaqsu l-mistoqsijiet li jridu jsiru, u li jagħmlu kuntatt maċ-ċittadin u mas-soċjetà ċivili li hija tant essenzjali, flimkien mal-istampa u x-xandir, biex il-Parlament Malti jkun f'sintonija kontinwa mal-iżviluppi fis-soċjetà tagħna.

Din l-Istituzzjoni, il-Parlament ta' Malta, trid tieħu postha kif jixirqilha mhux biss fil-Kostituzzjoni tagħna, għaliex dak digà għandha, imma partikolarment fil-kuxjenza popolari f'pajjiżna, fir-ruħ u fl-ispirtu tal-poplu ħalli jaraha kif inhi: l-aqwa espressjoni tar-rieda tiegħu li għaliha allura jrid l-aqwa u l-aħjar bħalma l-Istituzzjoni Parlamentari hija kkonsidrata fil-pajjiżi sħabna fl-Unjoni Ewropea.

Għandna x'nagħmlu biex naslu hawn. Irridu qabel xejn insaħħu l-infrastruttura mhux biss dik fiżika, imma wkoll dik ta' appoġġ b'expertise u b'informazzjoni li ssostni lid-deputat tal-Parlament Malti.  Għal dan l-iskop irid isir eżerċizzju ta' capacity building tal-Parlament Malti bl-istess mod li sar fl-Eżekuttiv meta Malta ġiet biex issir membru tal-Unjoni Ewropea. Dan ikompli l-proċess ta' maturizazzjoni tas-sistema demokratika tagħna fejn l-organu Leġislattiv ikollu dik is-saħħa u l-identità awtonoma neċessarja biex jinżammu dawk il-bilanċi meħtieġa li jagħmlu lis-sistema demokratika taħdem dejjem aħjar.

Dan huwa dovut ukoll issa li t-Trattat ta' Lisbona jagħti rwol aktar b'saħħtu lil Parlamenti Nazzjonali fl-arkitettura Ewropea. S'issa dan it-Trattat ma għamel l-ebda differenza effettiva għal Parlament Malti sempliċement għaliex ma sabniex ippreparati biżżejjed biex tassew nagħmlu użu minnu. U sar issa urġentissimu li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex isir dak l-'*empowerment*' tal-Parlament Malti biex ikun jista' jaqdi d-doveri tiegħu fil-kuntest tat-Trattat ta' Lisbona.

Wasal iż-żmien li nagħmlu qabża oħra ta' kwalità minn dik li saret matul iż-żmien b'tant miżuri fejjieda li saħħew lill-Parlament tagħna, mhux l-anqas l-introduzzjoni tal-Kumitati Permanenti tal-Kamra tad-Deputati li kellhom effett kbir ta' bidla, ta' effiċjenza, ta' effettività u li taw firxa aktar wiesgħa għall-ħidma tal-Parlament. F'dan il-kuntest ma nistax ma nsemmix li nsib impressjonanti kemm, b'mezzi limitati, issir ħidma fil-Kumitati u kemm hemm Membri Parlamentari li tassew jagħtu impenn sħiħ, f'ħin twil ta' preparazzjoni personali u ta' parteċipazzjoni attiva, fil-Kumitati tal-Kamra. Huwa sewwa u dovut li dan jingħad.

Iżda l-ħidma parlamentari ma tridx biss issir b'mod professjonali u ma jridx biss ikollha l-appoġġi infrastrutturali meħtieġa. Issir ukoll bil-passjoni tal-politika. Passjoni ta' min irid il-ġid għal pajjiżu u għal poplu tiegħu. Passjoni ta' min irid iħalli lil Malta dejjem aħjar milli sabha għall-ġid tagħna lkoll u għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet futuri ta' Maltin u Għawdxin.

Bħala President tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament ta' Malta, insellem bil-qalb lil din il-passjoni tal-politika u tal-politiċi li jagħtu sehemhom fil-ħajja diffiċli tal-politika biex jitwettaq tassew il-ġid għal Malta tagħna. Insellem ukoll b'sinċerità lill-impenn politiku ta' dawk li jiddedikaw ruħhom fis-soċjetà ċivili hawnhekk ukoll rappreżentata.

F'din il-Festa Nazzjonali li tfakkar lill-martri tas-Sette Giugno, u li hija wkoll mument ta' riflessjoni fuq l-iżvilupp tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna, ejjew inġeddu l-impenn tagħna lkoll li l-memorja ta' dawn il-martri nagħtuha stima bil-ħidma tagħna ta' kuljum biex insaħħu r-rebħiet kostituzzjonali ta' Malta, ta' din l-Omm li tatna isimha, li aħna lkoll uliedha.